

Brussell, 6 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15265/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0059(NLE)**

**SOC 767
EMPL 573**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	7416/18
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom - Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakkja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakkja li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill EPSCO.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakkha għall-minuti tal-Kunsill

**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill
dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali għall-
ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom
Qbil Politiku**

Ir-Repubblika Slovakkha tappoġġa l-oġġettivi tar-rakkomandazzjoni, b'kont meħud tar-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol. Ir-Repubblika Slovakkha ttenni li għandha titqies is-sitwazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, fejn għandha tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni. Għaldaqstant, ir-Repubblika Slovakkha tilqa' ż-żieda fil-flessibilità tat-test kif ukoll in-natura mhux vinkolanti tar-rakkomandazzjoni.

Barra minn hekk, il-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, għandhom jiġu rrispettati. Ir-Repubblika Slovakkha tilqa' l-fatt li r-Rakkomandazzjoni tagħraf il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, inkluż il-livell, is-sustanza u l-għoti ta' benefiċċji, il-livell tal-kontribuzzjonijiet u l-kondizzjonijiet għall-aċċess.

Ir-Repubblika Slovakkha tfakkar li skont l-Artikolu 153(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-miżuri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika soċjali ma għandhomx jaffettwaw id-dritt ta' Stati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u jenħtieġ li ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom.

Ir-Repubblika Slovakka għadha mħassba dwar il-paragrafu 10 b) tar-Rakkomandazzjoni. Din id-dispożizzjoni tirrakkomanda lill-Istati Membri, fost l-oħrajn, biex jiżguraw l-aċċess għal persuni li jaħdmu għal rashom, tal-inqas fuq bażi volontarja, għall-fergħa tal-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-mard okkupazzjonali tas-sistema tagħhom għall-protezzjoni soċjali. Is-sistema nazzjonali tar-Repubblika Slovakka tipprevedi l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard okkupazzjonali għall-ħaddiema biss. Din il-fergħa ta' sistema tal-protezzjoni soċjali hija bbażata fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem għall-aċċidenti fuq ix-xogħol jew mard okkupazzjonali tal-ħaddiema. Ir-Repubblika Slovakka tqis dan il-prinċipju bħala prinċipju fundamentali tas-sistema nazzjonali tal-protezzjoni soċjali.

Fid-dawl tat-test preċedenti, ir-Repubblika Slovakka tqis ir-rakkomandazzjoni bħala strument intiż li jipprovdi gwida lill-Istati Membri meta jadattaw progressivament is-sistemi ta' protezzjoni soċjali fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali.
